MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2009

Avviz Numru. 271/2008

**Emanuel Pulis**

**Vs**

**Karina Akaiti**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avvizipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar il-wiehed u tletin (31) ta’ Lulju 2008, permezz ta’ liema r-rikorrenti talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma globali ta’ tmint elef tlett mija u disgha u hamsin euro (€8359) rapprezentanti ‘n kwantu ghas-somma ta’ €820 bhala hlas lura minnu lilha, ‘n kwantu ghal somma ohra rapprezentanti self minnu lilha sabiex inxtrat il-vettura tal-ghamla Mitsubishi Pajero Junior bin-numru ta’ registrazzjoni EBM 102 w in kwantu ghar-rimanenti €159 ghal self iehor lilha brevi manu mir-rikorrenti u li jigi sostnut il-Mandat ta’ Qbid numru C2003/08 esegwit fuq l-istess vettura fl-istess ismijiet.

Bl-ispejjes u bl-imghax skond il-ligi nkluz dawk tal-Mandat 2003/08 fl-istess ismijiet kontra l-konvenuta minn issa ngunta ‘n subizzjoni.

Rat illi il-konvenuta ghalkemm kienet debitament notifikata bl-avviz in kwistjoni permezz ta’ notifika li saret fl-ghaxra (10) ta’ Dicembru 2008, ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba rikorrenti.

Rat illi fis-seduta tal-hdax (11) ta’ Dicembru 2008 kien deher Dottor Kris Busietta ghall-konvenuta li talab zmien sabiex jipprezenta r-risposta tieghu u l-Qorti kienet laqghet it-talba u taghtu zmien sa l-erbgha (4) ta’ Frar 2009 sabiex jaghmel hekk, izda dan nonostante baqa’ ma pprezenta l-ebda risposta.

Rat in-nota ta’ riduzzjoni pprezentata mir-rikorrent fis-seduta tas-sitta (6) ta’ Mejju 2009 fejn ir-rikorrenti ddikjara li l-ammont illum pretiz huwa dak ta’ €5125.

Rat ukoll id-dokumentazzjoni pprezentata mir-rikorrenti seduta stante nhar is-sitta (6) ta’ Mejju 2009.

Illi fis-seduta tas-sitta (6) ta’ Mejju 2009 ir-rikorrenti pprezentat Kapitolu fil-konfront tal-konvenuta.
Rat illi fis-seduta tat-tmintax (18) ta’ Mejju 2009 l-konvenuta giet imsejjha diversi drabi, izda baqghet ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba rikorrenti u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi ‘n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat id-dokumenti esebiti mir-rikorenti, thoss illi t-talba rikorrenti hija gusta u timmerita li tigi konfermata.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa t-talba rikorrenti u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-intimat is-somma ta’ hamest elef mija hamsa u ghoxrin euro (€5125) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------